31990D0611

L 326/56 *IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ* 24.11.1990

# ID-DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL
## tat-22 ta' Ottubru 1990
## fir-rigward tal-konklużjoni, f'isem il-Komunità Ekonomika Ewropea, tal-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti Kontra t-Traffiku Illeċitu ta' Drogi Narkotiċi u Sustanzi Psikotropiċi

(90/611/KEE)

IL-KUNSILL TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ekonomika Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 113 tiegħu,

Wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni,

Billi, fit-8 ta' Ġunju 1989, fil-Kwartieri Ġenerali tan-Nazzjonijiet Uniti fi New York il-Komunità ffirmat il-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti kontra t-traffiku illeċitu ta' drogi narkotiċi u sustanzi psikotropiċi, adottat fi Vjenna fid-19 ta' Diċembru 1988, kif għamlu wkoll l-Istati Membri;

Billi x-xogħol tan-Nazzjonijiet Uniti, il-Kunsill, il-laqgħa tal-Kunsill Ewropew ta' Diċembru 1989 u l-Kumitat għall-Ġlieda kontra d-Drogi (CELAD) għamilha possibbli għall-Konvenzjoni illi tidħol fis-seħħ malajr;

Billi il-maġġoranza ta' l-Istati Membri ser jissodisfaw il-proċedura interna tar-ratifika fix-xhur illi ġejjin u, l-aktar tard, sat-30 ta' Ġunju, 1991;

Billi, fir-rigward tal-kwestjonijiet li jaqgħu fil-kompetenzi tagħha, il-Komunità għandha allura tapprova l-Konvenzjoni sa l-aktar tard sa l-istess data kif l-ewwel Stati Membri,

IDDEĊIEDA DAN LI ĠEJ:

*Artikolu 1*

Il-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti kontra t-Traffiku Illeċitu tad-Drogi Narkotici u s-Sustanzi Psikotropiċi huwa hawnhekk approvat f'isem il-Komunità Ekonomika Ewropea.

*Artikolu 2*

Il-President tal-Kunsill, għandu f'isem il-Komunità jiddepożita l-att ta' approvazzjoni tal-Konvenzjoni mas-Segretarju Ġenerali tan-Nazzjonijiet Uniti.

Il-President tal-Kunsill għandu fl-istess ħin jiddepożita d-dikjarazzjoni tal-kompetenza li jinsab fl-Anness ma' din id-Deċiżjoni, skond l-Artikolu 27 tal-Konvenzjoni.

Magħmula fil-Lussemburgu, 22 ta' Ottubru 1990.

*F'isem il-Kunsill*

*Il-President*

G. DE MICHELIS

*ANNESS*

**DIKJARAZZJONI TA' L-ANNESS IMSEMMIJA FIT-TIENI SUB PARAGRAFU TA' L-ARTIKOLU 2**

**Kompetenzi għall-Komunità Ekonomika Ewropea fir-rigward tal-materji koperti mill-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti Kontra t-Traffiku Illeċitu ta' Drogi Illeċiti u Sustanzi Psikotropiċi (Id-Dikjazzjoni skond l-Artikolu 27(2) tal-Konvenzjoni)**

L-Artikolu 27(2) tal-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti kontra t-Traffiku Illeċitu ta' Drogi Narkotiċi u Sustanzi Psikotropiċi tistipula illi, fl-istrumenti tal-konferma formali, l-organizzazzjonijiet integrati reġjonali ekonomiċi għandhom jiddikjaraw sa fejn jaslu l-kompetenzi tagħhom fir-rigward tal-kwestjonijiet koperti minn din il-Konvenzjoni.

Il-Komunità Ekonomika Ewropea ġiet stabbilita bit-Trattat ta' Ruma illi ġie ffirmat fil-25 ta' Marzu 1957 li daħal fis-seħħ fl-1 ta' Jannar, 1958. Dan it-Trattat ġie emendat u supplimentat bl-Att Uniku Ewropew, li daħal fis-seħħ fl-1 ta' Lulju, 1987.

Skond id-disposizzjonijiet imsemmijin hawn fuq, il-Komunità Ekonomika Ewropea li, fil-preżent, hija kompetenti għall-kwestjonijiet tal-politika kummerċjali fir-rigward ta' sustanzi li huma użati ta' spiss fil-manifattura ta' drogi narkotiċi u sustanzi psikotropiċi, kwestjonijiet illi huma msemmija fl-Artikolu 12 tal-Konvenzjoni.

L-eżerċizzju tal-poteri li l-Istati Membri trasferew lill-Komunitajiet taħt it-Trattat, huma, min-natura tagħhom, bla ħsara għall-iżvilupp kontinwu. Il-Komunitajiet għaldaqstant, jirriservaw id-dritt illi jagħmlu dikjarazzjonijiet ulterjuri skond l-Artikolu 27(2) tal-Konvenzjoni.